# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 60

Data tal-laqgħa: 21 ta' Marzu 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt - Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Andrè Grech – Kunsillier

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Il-laqgħa bdiet fl-4.10pm. Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

60.1.1 Il-Kunsillier Andrè Grech infurma li ma setax jattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġiet skużat.

## 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

60.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 57, Laqgħa Urġenti Nru. 58 u Laqgħa Urġenti Nru. 59. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

60.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill- Kunsillier Stephen Gatt, il-minuti ġew approvati.

## 60.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

60.3.1 Para 57.3.1 - Bozoz ma jixgħelux f'Wied Ħal Balzan
Dwar il-bozza ta' fuq St George's Store, is-SE infurmat li bagħtet *reminder* ieħor dalgħodu lill-Enemalta.

60.3.2 Para 57.3.2 – GoTo *reserved parking bays*
Is-SE infurmat lid-direzzjoni minn TM hi li ma titneħħa l-ebda *parking bay* minħabba kwistjoni legali pendenti. Is-Sindku talab li nistaqsu lill-TM biex jipprovdu aktar informazzjoni.

60.3.3.1 Para 57.3.3 – Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *power wash*
Għad irridu niċċekkjaw ma' Kunsilli oħra biex naraw x'azzjoni qed jieħdu fuq il-problema tal-ħamiem.

60.3.3.2 Is-SE infurmat li ma kienx hemm approvazzjoni mis-sidien biex jiġu installati silos fuq il-bejt tas-Sala Aurora u tal-Każin tal-PL. Dwar il-Każin tal-PN għadna qed nistennew risposta.

60.3.3.3 Il-Kunsill qabel li niktbu wkoll lis-sidien għall-approvazzjoni biex jiġu installati fuq il-bejt tal-Għassa, Każini tal-Baned u tal-Futbol.

60.3.4 Para 57.3.4 - Taxi stand quddiem il-Corinthia
Is-SE infurmat li bagħtet *reminder* ieħor lill-TM peress li għadna mingħajr risposta.

60.3.5 Para 57.3.5 - *Reverse Vending Machines*
Is-Sindku infurma li se jibgħat *reminder* biex tiġi ffissata laqgħa mal-BCRS.

60.3.6 Para 57.3.6 – *Speed tables*
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni lesta u ser tintbagħat lill-TM.

60.3.7 Para 57.3.8 - Kwotazzjoni biex tiġi rilokata siġra
Is-SE infurmat lis-sid infurmana lis-siġra laħaq ta li xi ħadd ieħor.

60.3.8.1 Para 57.11 – *Slow Streets*
Is-Sindku infurma li wara li ġie ppreparat u finalizzat ir-rapport mill-konsulent biex issir l-applikazzjoni għall-Fondi tal-UE, ġejna infurmati mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, li iddeċidew li mhux se jipproċedu b'dan il-proġett.

60.3.8.2 Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu lejn il-Ministeru li fl-opinjoni tiegħu ma mexiex b'irġulija, wara li ħallewna nidħlu fi spejjeż tal-konsulent.

**F'dan il-ħin (4.22pm) daħlet il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa għal-laqgħa.**

60.3.9 Para 57.13 – Ħsara quddiem l-*ex-Dolphin Centre*

Is-Sindku infurma li saru tiswijiet temporanji fuq il-*pipe.* Dan ix-xogħol se jiġi ffinanzjat mill-Kunsill. Is-SE infurmat li l-Ministru approva t-talba ta’ *Direct Order* minħabba l-urġenza tal-każ.

F’dan il-ħin (4.25pm) ġiet sospiża l-laqgħa. Il-laqgħa tkompliet fil-4.43pm.

60.3.10.1 Para 57.15.2 - Palazzo Olivier
Il-Kunsill iltaqa’ mas-sid biex jiddiskuti miegħu il-proposti li ressaq. Il-Viċi Sindku ħarġet mill-kamra għax ma xtaqitx tieħu sehem fid-diskussjoni u d-deċiżjoni. Fuq il-proposta biex jitneħħa l-*parking* kollu li hemm tul il-faċċata, il-Kunsilliera preżenti m’approvawx din it-talba.

Il-Viċi Sindku daħlet lura għal-laqgħa.

60.3.10.2 Dwar il-bozza li hemm mal-faċċata, il-Kunsill qabel li titneħħa kompletament peress li ma tistax tiġi *shifted* għax sid il-binja fejn qed jiġi propost m’approvax li teħel mal-faċċata. Kien hemm qbil ukoll li l-bozza titneħħa bil-kundizzjoni li sid il-palazz jintrabat li jixgħel dawl ekwivalenti għad-dawl tal-bozza fil-ħin li jkun mixgħul id-dawl tat-triq. Se jsir ftehim bil-miktub mas-sid.

## 60.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

60.4.1.1 Kiri ta’ vettura għall-*Community Police*
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li rċivejna l-kwotazzjoni għall-kiri ta’ vettura għal sena għall-*Community Police* li tammonta għal €413 (VAT inkluż) fix-xahar. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni, bl-ispiża ser tinqasam bejn l-erba’ (4) Kunsilli (Ħ’Attard, Ħal Lija, Iklin u Ħal Balzan).

60.4.1.2 Il-Kunsill se jitlob li teħel *sticker* bl-emblema tal-erba’ (4) Kunsilli mal-vettura li se tinkera.

60.4.2 Attività Jum San Valentin 2023
Is-Sindku infurma li se jressaq talba mar-Reġjun biex l-ispejjeż relatati ma’ din l-attività jiġu ffinanzjati minnhom.

60.5.1 Attività b’risq Puttinu Cares
Is-Sindku infurma lir-Rogolin Bakery se jkunu qed jorganizzaw ikla b’risq Puttinu Cares. Il-Kunsill qabel li spejjeż relatati ma’ permessi jiġu mħallsa mill-Kunsill.

## 60.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

60.5.1.1 Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma liċ-Chairman tal-*Malta Railway* infurmah li fi Triq il-Ferrovija l-Qadima (flok fejn hemm is-siġra tal-fikus), fil-passat kien hawn *platform* tal-ferrovija u jixtieqU jinkluduha f’xi proġett.

60.5.1.2 Il-Kunsill huwa interessat u se nitolbu liċ-Chairman jibgħatilna l-proposta għad-diskussjoni tal-Kunsill.

## 60.6 Rapporti

60.6.1.1 Rapport Amministrattiv għas-sena 2022
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2022, li jinkludi r-Rapport ta’ Ħidma tal-Kunsilliera. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

60.6.1.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, li kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

60.6.2.1 *Tender for the Supply of a new electric powered passenger van* – BLC 01/2023
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 01/2023.

60.6.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa’ ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-irħas offerta ta’ Motors Inc. Limited u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvati.

60.6.3.1 *Tender for the Professional Services of an Architect to the Ħal Balzan Local Council* – BLC 02/2023
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 02/2023.

60.6.3.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-irħas offerta ta' MED Developers, Designers and Consultants Ltd u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvati.

60.6.4.1 <u>*Tender for the Embellishment Works in Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan* – BLC 02/2022</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 02/2022.

60.6.4.2 Ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibda l-proċess biex terġa` toħroġ is-sejħa mill-ġdid peress liż-żewġ (2) offerti mitfugħa ma kienux konformi fil-parti Teknika.

60.6.5.1 <u>*Tender for Pavement Works in Triq iz-Zekkuk, Ħal Balzan* – BLC 03/2022</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 03/2022.

60.6.5.2 Ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibda l-proċess biex terġa` toħroġ is-sejħa mill-ġdid peress lit-tliet (3) offerti mitfugħa ma kienux konformi.

## 60.7 Vakanza ta' Skrivani (Skala 15)

60.7.1 Is-SE infurmat li Sonia Ellul bdiet fl-impjieg tagħha bħala skrivan *full-time* fid-9 ta' Marzu 2023.

60.7.2 Is-SE infurmat li l-Kunsill irċieva disa' (9) applikazzjonijiet eliġibbli għas-sejħa ta' Skrivan – Skala 15 (*Back-to-Back*) mill-lista li tawna l-Jobsplus. L-intervisti se jsiru nhar il-Ġimgħa 24 ta' Marzu 2023 u l-Bord tal-għażla ser ikun magħmul minn:

- Sindku Dr Angelo Micallef
- Viċi Sindku Mary Louise Briffa
- Kunsillier Stephen Gatt
- Kunsillier Oliver Nicholas De Gaetano
- Segretarju Eżekuttiv

## 60.8 Skemi Finanzjarji

60.8.1 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024</u>
Ġiet innutata Skema Finanzjarja SPI/SCI/01/2023 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill qabel li napplikaw biex terġa' ssir l-attività ta' Jum San Valentin għas-sena 2024. Il-Viċi Sindku qed tkun qed tħejji l-programm biex fil-laqgħa li jmiss tiġi approvata l-applikazzjoni.

60.8.2 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/03/2023 – Espressjoni ta' Interess: *The World Cleanup Campaign 2023*</u>
Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/03/2023 maħruġa minn DGL. Is-Sindku ipproprona li nikkrejaw filmat biex inqajjmu kuxjenza lir-residenti biex inżommu r-raħal nadif. Il-Kunsill approva u se nġibu kwotazzjonijiet ta' *videographer*.

60.8.3 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati</u>
Ġiet innutata Skema Finanzjarja SPI/SCI/04/2023 maħruġa minn DGL. Ser issir laqgħa mal-Pulizija biex jiġi diskuss proġetti li jistgħu jiġu implimentati permezz ta' din l-iskema.

60.8.4 <u>Għajnuna Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Libreriji</u>
Is-SE ressqet xi kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *e-readers*. Il-Kunsill approva l-irħas offerta ta' AtoZ Electronics. Kien hemm qbil li jinxtraw erba' (4) *e-readers* (2 għat-tfal u 2 għal kbar). Dwar *e-books,*se niċċekkjaw x'se nixtru bil-kumplament tal-fondi marbutin ma' din l-iskema.

## 60.9 *Traffic Management* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima u l-madwar

60.9.1 Il-laqgħa mat-*Traffic Management Consultant* tar-Reġjun għadha ma saritx. Se jiġi ċċekkjat jekk il-konsulent hux disponibbli li jiltaqa' mall-Kunsill nhar is-Sibt 25 ta' Marzu 2023 fis-1.00pm.

## 60.10 Għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina

60.10.1 Is-SE infurmat li l-applikazzjoni għall-*Community Greening Grant* ġiet sottomessa.

60.10.2 Is-SE infurmat ukoll li ġiet sottomessa ukoll l-applikazzjoni mal-PA għall-permess taż-żvilupp. Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-kont tal-PA (€33,933.20) relatat ma' din l-applikazzjoni. Is-SE qalet li l-Perit ser ikun qed jiċċekkja biex jiġi rivedut dan il-kont, għax hemm ċertu *fees* li għal dan il-proġett ma japplikawx.

60.10.3 Apparti minn hekk, is-SE infurmat lid-DGL qed jistaqsu dwar jekk l-applikazzjoni ta' Project Green ma tiġix approvata, il-Kunsill iridx xorta li l-art tiġi devoluta lilu. U jekk iva, xi proġett ser ikun qed jiġi implimentat. Ġie rrimarkat li biex isir proġett ta' parkeġġ sempliċi minflok dak propost, l-ispiża xorta għolja u l-Kunsill ma jaffordjax li jiffinanzja din l-ispiża. Għalhekk, il-Kunsill qabel li għalissa, m'għandux ħsibijiet ta' proġetti oħra minħabba nuqqas ta' fondi.

## 60.11 Bankina fi Triq San Franġisk

60.11.1 Is-SE infurmat li TM approvaw il-proposta biex issir bankina minn quddiem dar nru. 69 sa k/m Triq Birbal skond il-pjanta maħruġa minn TM. B'din il-bankina ser jitneħħew 2 *parking bays* minn faċċata.

60.11.2 Se nġibu kwotazzjonijiet biex isir ix-xogħol neċessarju.

## 60.12 *Bollards* / Bankina fi Pjazza Bertu Fenech

60.12.1 Dwar il-*bollards* li twaħħlu fejn iz-zuntier (faċċata tal-Każin tal-PN), is-Sindku qal li kien hemm *feedback* pożittiv, però hemm bżonn li ssir oħra peress li b'xi mod il-karozzi xorta qed jipparkjaw. Il-Kunsill qabel li ssir *bollard* oħra.

60.12.2 Dwar il-*bollards* li twaħħlu fuq il-bankina quddiem *Kola Stores*, kien hemm *feedback* negattiva minn diversi nies, anke mill-Pulizija. Is-Sindku qal li skond il-Pulizija, dawn il-*bollards* żiedu l-periklu. Qed jinsistu li tidjieq il-bankina u jsiru l-*parking bays.* Ġie nnutat li l-Kunsill fil-passat kien diġà applika ma' TM però it-talba tal-Kunsill ma kienitx ġiet approvata.

60.12.3 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament kien hemm qbil li nerġgħu napplikaw. Ġie deċiż li għalissa, sakemm ikun hemm deċiżjoni minn TM, il-*bollards* se jibqgħu hemm.

## 60.13 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

60.13.1.1 <u>Laqgħa tal-Lokalità</u>
Is-SE infurmat li skond Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali, sal-15 ta' April, il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa tal-lokalità sabiex jiġu ppreżentati r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjanta' Ħidma.

60.13.1.2 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir nhar it-Tlieta, 11 ta' April 2023 fis-6.00pm u ser jintbagħat invit f'kull residenza minn ħmistax qabel.

60.13.2 <u>Ċirkulari Nru 4/2023 – Proġett ta' *School Grannies*</u>
Ġiet innutata Ċirkulari Nru 4/2023 mibgħuta mid-DGL. Il-Kunsill qabel li nġibu aktar tagħrif dwar jekk dan il-proġett huwiex applikabbli għal skejjel tal-Gvern biss.

60.13.3 <u>Ċirkulari Nru 5/2023 – Linji gwida dwar il-Proċessi ta' Ħlas u Rimbors għas-Servizz ta' Ġbir tal-Iskart</u>
Ġiet innutata Ċirkulari Nru 5/2023 mibgħuta mid-DGL.

60.13.4 <u>Wi-Fi points provduti minn Tech.mt</u>
DGL qed jinfurmaw lis-servizz ta' Wi-Fi b'xejn għall-pubbliku li jinsab:

- Fl-uffiċċju tal-Kunsill
- Pjazza Bertu Fenech
- Triq il-Ferrovija l-Qadima

ser jiġi terminat minħabba l-fatt li mhux jintuża biżżejjed u għalhekk ma baqax sostenibbli. Is-Sindku qal li wara li talab għal aktar informazzjoni, ġie infurmat li dan il-proġett se jiġi rtirat fuq bażi Nazzjonali.

60.13.5 *ICT Summer Traineeship Scheme* 2023

Ġiet innutata *email* mibgħuta mid-DGL dwar *ICT Summer Traineeship Scheme 2023.* Se nġibu aktar informazzjoni dwar din l-iskema.

60.13.6 Talba biex jinbena *boundary wall* – Park Lane

Qed issir talba biex jinbena *boundary wall* għal perjodu ta' sentejn, sakemm isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni. Is-Sindku infurma lis-sentenza għall-appell se toħroġ fit-23 ta' Marzu 2023. Il-Kunsill irrimarka li jekk l-appell jinqata' favur l-applikant, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li joħroġ il-permess tal-*boundary wall,* soġġetta għal xi appelli oħra. L-iżviluppatur se jerġa' jiġi infurmat bl-obbligu li jissalvagwardja ż-żewġ (2) siġriet, fejn bl-ebda mod ma jistgħu jiġu impattati bl-iżvilupp.

60.13.7.1 *Parking* fi Triq iz-Zekkuk

Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano qed jinfurma lir-resident qed jerġa' jitlob li titneħħa *parking bay* li hemm faċċata tal-garaxx tiegħu għax qed isibha diffiċli biex jimmanuvra l-karozza, minħabba li huwa fi stat fraġli ta' saħħa. Ir-resident issuġġerixxa li minflok din issir aktar 'il ġewwa fejn kien hemm fil-passat u li kienet tneħħiet.

60.13.7.2 Is-SE infurmat li dik kienet tneħħiet minħabba li kien qed ikun hemm ostaklu tal-aċċess tal-entratura tal-garaxxijiet. Dwar il-*parking bay* ta' faċċata tal-garaxx tiegħu, is-SE infurmat li kif intqal fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti, hemm spazju biżżejjed biex jidħol u joħroġ mill-garaxx.

60.13.7.3 Il-Kunsill iddiskuta u filwaqt li jifhem il-limitazzjoni ta' saħħa li għandu, jekk il-*parking bay* titneħħa se timponi skumdità fuq ħaddieħor. U għalhekk, la darba hemm spazju biex timmanuvra, il-Kunsill:

Bi tliet (3) voti favur: Sindku Dr Angelo Micallef, Viċi-Sindku Mary Louise Briffa, Kunsillier Stephen Gatt u
Vot wieħed (1) kontra: Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano,

m'approvax li titneħħa l-*parking bay* u jibqa' kollox kif inhu.

60.13.8.1 *Traffic Island* fi Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal

Residenta qed tistaqsi dwar il-proġett ta' *embellishment* li kellu jsir fit-*traffic island* biex ma jibqax jintrema boroż tal-iskart. Is-Sindku qal lis-sena l-oħra, il-Kunsill kien qabel li jtella' ċint żgħir bil-ħamrija u ssir bil-fjuri.

60.13.8.2 Se niċċekkjaw mal-Perit dwar x'sar min din il-proposta.

60.13.9.1 *Traffic Island* f'Wied Ħal Balzan k/m Triq il-Kbira

Il-Kunsillier Stephen Gatt qed jissuġġerixxi li titneħħa t-*traffic island* għax qed tnaqqas il-*flow* tall-ilma tax-xita. Ġie rrimarkat li fil-passat din it-talba kienet diġà ġiet diskussa diversi drabi u ma kienitx ġiet approvata.

60.13.9.2 Kien hemm qbil li meta l-WSC ikunu se jagħmlu x-xogħol relatat mal-problema tad-drenaġġ, ninfurmawhom bil-problema tal-ilma li qed ixaqleb lejn naħa waħda.

60.13.10 *Electric charging pillars*

Is-Sindku infurma li rċieva suġġeriment biex isir *electric charging pillar* f'Wied Ħal Balzan għax m'hemmx wieħed. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-Ministeru biex tiġi installata waħda k/m Triq it-Tliet Knejjes.

60.13.11 *Dyls* fi Triq l-Għerusija

Il-Viċi Sindku infurmat li resident li joqgħod fi Triq l-Għerusija qed jilmenta li meta IM għamlu t-triq, id-*dyls* mal-ġnub tal-garaxx tiegħu (k/m Triq Dun Gwann Zammit Hammet) saru qosra. Se ssir spezzjoni fuq il-post.

## 60.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

60.14.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 03/23, li tinkludi l-ammont ta' €125.35c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Frar 2023.

60.14.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Mary Louise Briffa. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 60.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

60.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15pm.

60.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 11 ta’ April 2023 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 11 ta’ April 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |